**8 ta' Mejju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Ir-Repubbblika ta' Malta

*versus*

Grazio *sive* Grezzju Calleja u Victor Said

**Avukat Ġenerali - Kompilazzjoni**

*L-Avukat Ġenerali jista' jdaħħal fl-att ta' l-akkuża reat li l-akkuża tiegħu toħroġ unikament mir-rapport li l-uffiċjal tal-Pulizija jagħmel lill-Qorti Istruttorja fil-bidu tal-kumpilazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-28 ta' Lulju, 1997 f'din il-kawża liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat in-nota ta' l-akkużat Grazio *sive* Grezzju Calleja li biha eċċepixxa kif ġej:

Jeċċepixxi n-nullità ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża numru 32/96 għaliex dan sar bi ksur ta' l-artikolu 435 (1) tal-Kodiċi Kriminali peress li r-reat dedott f'dan il-kap ma jirriżultax mill-kumpilazzjoni li saret;

Jeċċepixxi n-nullità tat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuża numru 32/96 għaliex dan sar bi ksur ta' l-artikolu 435 (1) tal-Kodiċi Kriminali peress li r-reat dedott f'dan il-kap ma jirriżultax mill-kumpilazzjoni li saret;

Jeċċepixxi n-nullità tas-seba' kap ta' l-att ta' l-akkuża numru 32/96 għaliex dan sar bi ksur tal-prinċipju *ne bis in idem* peress li għar-reat dedott f'dan il-kap l-akkużat Grazio *sive* Grezzju Calleja diġà għadda proċeduri penali u li saru ukoll definittivi (*vide* **Il-Pulizija** ***vs*** **Grezzju Calleja**, 30/3/92 Hall C)";

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattati l-eċċezzjonijiet tikkunsidra illi:

L-artikolu 435 (1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid "L-Avukat Ġenerali jista' jiġbor u jġib provi oħra ma' dawk li jkunu nġiebu fil-kumpilazzjoni. Iżda ma jista' jdaħħal fl-att ta' l-akkuża ebda reat li l-akkuża tiegħu ma tkunx tista' toħroġ mill-kumpilazzjoni li tkun saret";

Fir-*Raccolta della Giurisprudenza sul Codice Penale* (pp. 351-354) l-Imħallef Giuseppe Cremona jikkommenta d-

disposizzjoni ta' l-artikolu 435 (1) imsemmi (allura artikolu 434) kif segwenti:

*"Secondo il disposto dell'art. 434 Cod. Pen. l-Avvocato della Corona non può dedurre nell'atto di accusa alcun reato la cui imputazione non potesse derivare della fatta istruzione, conseguentemente è permesso all'Avvocato della Corona all estrarre il reato da dedursi nell'atto di accusa da qualque atto della fatta istruzione ... Dovendo l'istruzione necessariamente precedere la accusa, questa deve avere per oggetto il reato sul quale la istruzione ha avuto luogo, e non si sodisfarebbe al volo della legge se nell'accusa si fosse dedotto un reato la cui imputazione non derivi dal complesso dell'istruzione e dello quale si fosse solo fatta menzone in una o più deposizioni riguardanti fatti totalmente estranei al rapporto ed all'esame dell'imputato"*;

Il-Professur A.J. Mamo fin-noti tiegħu fuq il-Proċedura Kriminali jgħid hekk fir-rigward tal-punt in kwistjoni (fol. 126):

*"The only thing the Attorney General cannot do is to include in the indictment any offence the charge whereof cannot be derived from some part of the enquiry"*;

Is-sottolinear fis-siltiet premessi sar minn din il-qorti. Il-partijiet sottolineati f'dawk is-siltiet juru kjarament li bil-frażi "reat li l-akkuża tiegħu ... tista' toħroġ mill-kumpilazzjoni li tkun saret" fil-proviso ta' l-imsemmi artikolu 435 (1), il-liġi ma tintendix li l-akkuża għandha toħroġ mid-deposizzjonijiet li jkunu ngħataw fil-kumpilazzjoni, iżda li għandha toħroġ minn kwalunkwe att tal-kumpilazzjoni;

Jiġifieri l-Avukat Ġenerali jista' jdaħħal fl-att ta' l-akkuża reat li l-akkuża tiegħu toħroġ unikament mir-rapport li l-uffiċjal

tal-Pulizija jagħmel lill-Qorti Istruttorja fil-bidu tal-kumpilazzjoni;

L-ewwel eċċezzjoni ta' l-akkużat tirrigwarda l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża. Ir-reat edott f'dan il-kap huwa li l-akkużat forna jew ipprokura jew offra li jforni jew ipprokura d-droga eroina lil persuna jew għal xi persuna bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regolamenti relattivi. Minn eżami tar-rapport ta' l-Ispettur Michael Cassar fil-bidu tal-kumpilazzjoni relattiva għall-każ odjern jirriżulta li l-akkuża (b) dedotta f'dak ir-rapport hija preċiżament tar-reat imsemmi dedott fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża odjern. Dan ir-reat għalhekk u għar-raġunijiet premessi fil-paragrafi ta' hawn fuq joħroġ mill-kumpilazzjoni u hekk l-ewwel eċċezzjoni mhix fondata;

It-tieni eċċezzjoni tirrigwarda t-tielet kap ta' l-akkuża. Ir-reat dedott f'dan il-kap huwa li l-akkużat biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-pjanta cannabis bi ksur ta' l-Ordinanza u r-Regolamenti fuq imsemmijin. Fir-rapport imsemmi ta' l-Ispettur Michael Cassar, dan l-istess reat jirriżulta dedott fl-akkuża (d), u għalhekk lanqas din it-tieni eċċezzjoni mhi fondata;

It-tielet eċċezzjoni, dik rigwardanti l-allegata nullità tas-seba' kap ta' l-att ta' l-akkuża ġiet formalment rinunzjata mill-akkużat fl-udjenza tal-lum;

Għall-motivi premessi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eċċezzjoni, tiċħad iż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħrajn ta' l-akkużat";

Minn dik is-sentenza appella l-akkużat Grazio *sive* Grezzju Calleja permezz ta' rikors ta' l-appell ippreżentat fil-31 ta' Lulju, 1997, li fih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-

sentenza appellata billi fl-ewwel lok tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tiegħu mogħtija permezz tan-nota tat-2 ta' Awissu, 1996 u minflok tilqa' l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet u fit-tieni lok tikkonfermaha fil-bqija;

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fis-sottomissjoni li ġejja:

Huwa jissottometti li kemm dwar l-ewwel eċċezzjoni, kif ukoll dwar it-tieni eċċezzjoni, ċjoè dik tan-nullità ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża peress li dan sar bi ksur ta' l-artikolu 435 (1) tal-Kap. 9, kif ukoll dwar it-tieni eċċezzjoni, ċjoè dik tan-nullità tat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuża peress li dan sar bi ksur ta' l-artikolu 435 tal-Kap. 9, huwa jaqbel perfettament ma' l-argumentazzjoni prinċipali ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti kkontenuta fis-sentenza appellata, li l-akkuża għandha toħroġ minn kwalunkwe att tal-kumpilazzjoni. Skond hu, però, l-Ewwel Onorabbli Qorti mbagħad kompliet billi qalet li la darba l-akkużi dedotti fir-rapport ta' l-Ispettur Michael Cassar fil-bidu tal-kumpilazzjoni relattiva huma preċiżament tar-reati msemmija dedotti fl-ewwel u fit-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuża odjerna, allura, dawn ir-reati joħorġu mill-kumpilazzjoni li saret u għalhekk l-eċċezzjonijiet mhumiex fondati. Illi huwa fuq dan l-aħħar punt li l-appellant ma jaqbilx ma' l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Huwa jissottometti li r-rapport msemmi huwa dak ir-rapport li għamel l-Uffiċjal investigattiv/prosekutur fejn fih jgħid, fil-qosor, x'fatti allegatament jirriżultaw u għalhekk x'inhuma l-akkużi prinċipali li sejra takkuża bihom il-prosekuzzjoni. Huwa jargumenta illi allura jekk kemm-il darba mill-provi miġjuba ulterjorment mill-prosekuzzjoni u ċjoè provi materjali, xhieda, forensika u oħrajn, ċerti akkuża miġjuba

inizjalment mill-prosekuzzjoni ma jirriżultawx, ma jistax jingħad li tali akkużi xorta waħda għandhom jiġu dedotti fl-att ta' l-akkuża. Għalhekk huwa qiegħed jinterponi l-appell tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti mingħajr eżitazzjoni ta' xejn tafferma illi d-deċiżjoni appellata hi minn kull aspett ineċċepibbli filwaqt li s-sottomissjoni bażika ta' l-appellant in sostenn ta' l-appell tiegħu hija assolutament spropożitu legali;

Effettivament, l-appellant b'dak li qiegħed jissottometti qiegħed jippretendi illi stabbilita n-natura ta' l-akkużi li jkunu ġew ikkonfermati bil-ġurament mill-uffiċjal li jmexxi l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja, mhuwiex suffiċjenti għall-Qorti Kriminali, meta tkun affaċċjata b'eċċezzjoni bħal dik in eżami, illi tħares lejn dak ir-rapport biss u tinjora l-possibilità li mill-provi u atti l-oħra tal-kumpilazzjoni, imma evidentement u b'mod aktar partikolari mill-provi rakkolti, ma jkunx hemm il-prova li abbażi tagħha jista' jiġi sostnut l-att ta' l-akkuża, jew fit-totalità tiegħu jew fir-rigward ta' xi wieħed jew aktar mill-kapi tiegħu;

Dan huwa spropożitu legali għaliex effettivament dak li qiegħed jippretendi l-appellant huwa illi l-Qorti Kriminali, sussegwentement għat-tqajjim ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, teżamina l-kontenut tal-provi u f'dak l-eżerċizzju tasal għall-konklużjoni jekk abbażi ta' dawk il-provi setgħetx tingħata l-akkuża kkontenuta, f'dan il-każ fl-ewwel u fit-tielet kap ta' l-akkuża. Dan evidentement però jkun jikkostitwixxi invażjoni illegali tat-territorju li hu riservat unikament taħt is-sistema tagħna lil min irid jiġġudika fuq il-fatti. Dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, u ċjoè, li jekk il-kapi relattivi ta' l-att ta' l-akkuża jsibu rifless f'xi mqar wieħed mill-atti tal-kumpilazzjoni huwa

perfettament dak li tirrikjedi l-liġi u li dejjem ġie sostnut kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza. Li tippretendi aktar minn hekk jammonta għal rwol ġdid li għall-Qorti Kriminali l-liġi ma tirriservax għaliha imma għall-ġurati;

Għal dawn il-motivi għalhekk l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata. L-atti qed jintbagħtu lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.